MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 771/2000/1

**Joseph Zammit**

**v.**

**Carmelo Dingli u Raymond Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Din hija kawza pjuttost mhux tas-soltu. L-attur appellant qieghed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi d-deposizzjoni moghtija

minn Raymond Azzopardi fi proceduri ghal zgumbrament quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera hija falza u inveritiera, sabiex f'eventwalita ta' ezitu pozittiv ta' din il-kawza, huwa jkun jista' jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Il-konvenut Carmelo Dingli kien istitwixxa proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra l-attur Joseph Zammit, sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond 38, Triq Bishop Scicluna, Qormi, li kien mikri lill-attur biex jigu garaxxjati fih trakkijiet tal-burdnara, stante li l-attur Joseph Zammit kien biddel id-destinazzjoni tal-fond.

2. B'sentenza tal-21 ta' Ottubru 1999, il-Bord li Jirregola l-Kera iddecieda li *"r-rikorrenti* (cioe il-konvenut Carmelo Dingli fil-proceduri odjerni) *ipprova li sar bdil fid-destinazzjoni tal-fond minn mahzen ghal ghanijiet kummercjali inqaleb f'garage ghall-karozzi privati"* [1]. Konsegwentement, il-Bord laqa' it-talba ta' l-istess rikorrent u awtorizzah jerga' jiehu pussess tal-fond fuq imsemmi.

3. Quddiem il-Bord, ir-rikorrent Carmelo Dingli (konvenut f'din il-kawza) ressaq lis-segwenti xhieda: ir-rikorrent stess, Victor Dingli, Joseph Calleja, Nazju Mifsud[2] u Raymond Azzopardi[3]. Min-naha tieghu, l-intimat Joseph Zammit (l-attur fil-proceduri odjerni) ta x-xiehda tieghu quddiem il-Bord[4] u pproduca bhala xhud lil huh Carmelo Zammit[5] biss.

4. Fid-decizjoni tieghu, il-Bord strah fuq, u accetta bhala veritiera, d-deposizzjoni tax-xhud Raymond Azzopardi (konvenut fil-proceduri odjerni), u dan nonostante il-versjonijiet kontrastanti tax-xhieda l-ohra.

---

[1] Fol. 23.
[2] Li kollha xehdu fis-seduta tas-27 ta' Jannar 1998.
[3] Seduta tat-18 ta' Novembru 1998.
[4] Seduta tat-18 ta' Novembru 1998.
[5] Seduta tat-3 ta' Gunju 1998.

5. Id-decizjoni tal-Bord giet konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell[6] b’sentenza ta’ l-24 ta’ Marzu 2000[7], liema Qorti qablet ma’ l-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord.

**It-talbiet u l-eccezzjonijiet**

Fil-kawza odjerna l-attur talab lill-ewwel Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi x-xiehda moghtija minn Raymond Azzopardi fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 1998 quddiem il-Bord tal-Kera fil-kawza fl-ismijiet *“Carmelo Dingli vs Joseph Zammit”* (Rikors numbru 60B/97) hija falza u inveritiera. Din it-talba saret, kif jirrizulta espressament mill-premessi tac-citazzjoni, sabiex *“…una volta din ix-xhieda [recte: xiehda] tigi dikjarata falza minn din l-Onorabbli Qorti, l-attur ikun jista’ jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet ‘Carmelo Dingli v. Joseph Zammit’ (Rikors numru 60B/97) u dan ai termini tal-Artikolu 811(j) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*

Il-konvenut Carmelo Dingli eccepixxa (fol. 8):

**“1. Illi din il-kawza hi improponibbli, billi dina l-Onorabbli Qorti qieghda tigi mitluba tghaddi gudizzju fuq kredibilita` iggudikata minn Qorti ohra;**
**“2. Illi din il-kawza m’hix wahda ta’ ritrattazzjoni, li hu l-uniku rimedju moghti mill-ligi u entro t-termini li l-procedura tiddetta ghal tali rimedju;**
**“3. Illi fil-meritu, l-eccipjenti jhossu li m’hemmx lok ghal dubju fix-xhieda ta’ Raymond Azzopardi, mentri hemm lok ghal nuqqas ta’ kredibilita` tax-xhieda prodotti mill-attur, kif intqal minn zmien twil ilu fl-atti prezentati fil-Bord li Jirregola l-Kera u fl-atti tal-Appell.”**

Il-konvenut Raymond Azzopardi eccepixxa:

**“Illi hu ma qal xejn hlief il-verita` u lest, anzi jixtieq, li jsir konfront bejnu u x-xhieda prodotti mill-attur, kif ukoll ma’ l-attur stess, halli jekk ghandhom volja u**

[6] Sedenti l-allura Prim Imhallef J. Said Pullicino.
[7] Fol. 19.

**hila jghidulu li m’hux qed jghid il-verita` u jghati dettalji tali li juru min qed jghid il-verita`.”**

## <u>Sentenza *in parte*</u>

B’sentenza *in parte* moghtija fl-24 ta’ Jannar 2001, l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Dingli. Minn din is-sentenza ma sar ebda appell.

## <u>Sentenza finali</u>

L-ewwel Qorti iddecidiet finalment il-vertenza billi cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attur, u dan b’sentenza in data 15 ta’ Ottubru 2003. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Illi din il-kawza hija dikjaratament pre-ordinata ghall-kawza ta’ ritrattazzjoni bazata fuq ic-cirkostanza kontemplata fis-sub inciz (j) tal-Artikolu 811 tal-Kap.12 li fl-ewwel parti tieghu jipprovdi li tista’ tintalab r-ritrattazzjoni ta’ kawza meta s-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b’ sentenza ohra sussegwenti, gew dikjarati foloz. Illi ghalhekk sabiex tissusti din ir-raguni legali, huwa necessarju li jikkonkorru s-segwenti elementi:

1. Il-provi li fuqhom tkun giet deciza il-kawza originali;
2. Il-falsita` ta’ dawn il-provi; u
3. Sentenza sussegwenti li tiddikjara il-falsita` ta’ dawn l-istess provi.

“Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

“1. Illi l-kelma “falz” tfisser, fis-sinifikat estiz taghha, kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru ottenuti bi kwalsiasi mezz. Inoltre fil-kamp civili - b’ differenza minn dak penali fejn l-element ogettiv[8] irid ikun

[8] Li huwa l-materjalita` tal-fatt

akkompjat ma' l-element soggettiv[9] - il-falz civil huwa kunsidrat biss mill-punto di vista ta' l-element oggettiv tieghu, stante li fid-dritt civili m'ghandux l-iskop li jigi traccjat reat, izda *"si preoccupa soltanto di respingere un mezzo che nuoce alla scoperta del vero e che puo` indurre il giudice a ritenere, in tutta buona fede la falsita` in luogo della verita"*[10]

"2. Illi hu assodat fil-gurisprudenza lokali li biex tissusisti raguni valida ghal ritrattatazzjoni ta' kawza fuq il-motiv ta' falsita` ta' provi jehtieg li l-pretiza falsita` ma setghetx tigi opposta fil-gudizzju li tieghu l-parti nteressata tkun trid titlob ir-ritrattazzjoni.[11] *"L'autorita` del giudicato non puo` essere scossa, neanche col rimedio straordinario di ritrattazione, per la nuova deduzione di simiglianti mezzi di difesa non dedotti nel primo giudizio……cio` che da luogo alla ritrattazione e`, senza distinzione di persone,* ***la difesa resa impossibile****, ma non l'omissione o l'insufficienza della difesa"*[12]***.*** Altrimenti, *"sarebbe assai agevole a chiunque, e in qualunque lite di tentare di demolire la stabilita` delle sentenze passate in giudicato e di perpetuare ad infinito le liti.."*[13]

"Illi fil-kaz in disamina l-attur qed jibbaza it-talbiet tieghu fuq il-kawzali li x-xiehda li kien ta l-konvenut Raymond Azzopardi quddiem il-Bord, u li kienet determinanti ghall-esitu ta' dik il-kawza, hija *"manifestament falza".*[14] Illi sabiex jipprova din l-allegata falsita` l-attur, fil-proceduri odjerni rega' ressaq ix-xhieda kollha li kienu ddeponew quddiem il-Bord, u l-erba' xhieda l-ohra fuq indikati. Illi in propositu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

---

[9] Li huwa l-volonta` u l-koxjenza ta' l-agent sabiex jkun jista' jigi imputat lil min jaghmlu.

[10] Vide - Prim Awla ***Alfred Mifsud vs Gaetano Azzopardi*** – 10 ta' Gunju 1949 – Vol.XXXIII.II.401; u d-dottrina u kazistika hemm kwotata.

[11] Appell Civili – ***Antonio Mercieca vs Francesco Grech*** deciza 14 ta' Dicembru 1973; vide kazistika hemm citata.

[12] Appell Civili – ***Fortunata Pisani vs Antonio Pisani*** deciza 13 ta' Lulju 1942 Vol.XXXI.I.231, u Qorti tal-Kummerc – ***Zonda vs Parthenis*** deciza 31 ta' Marzu 1894 Vol.XIV 220 ; kwotati fis-sentenza precedenti. Emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti.

[13] App.Civili – ***Dottor Filippo Nicolo` Buttigieg nomine et vs Angelo Grima*** deciza 12 ta' Ottubru 1931 – Vol.XXVIII.I.658

[14] Att tac-citazzjoni

"1. Illi x-xhieda kollha regghu in sostanza kkonfermaw dak li kienu xehedu quddiem il-Bord;  inkluz l-istess konvenut Raymond Azzopardi li minn naha tieghu ikkonferma b' emfasi dak li kien qal.

"2. Illi inoltre, ma rrizultax li l-erba' xiehda l-ohra, u cioe' Francis u George Zammit, Tanya Calleja u Ninu Abela, ma kienux a konoxxenza tal-attur meta kien qed jinstema' l-kaz quddiem il-Bord.  Anzi mill-provi rrizulta ampjament li Francis u George Zammit huma parentati mal-attur u jahdmu flimkien, Tanya Calleja hija l-armla ta' Joseph Calleja li kien xehed quddiem il-Bord, u Ninu Abela joqghod vicin il-garage in kwistjoni.

"Inoltre, b'dawn l-erba xhieda l-attur ried biss jikkorrobora dak li kien qal hu fix-xhieda tieghu originali;  u cioe' li l-garaxx kien qed jintuza sabiex jiddahhlu trukkijiet u ingenji tax-xoghol tieghu, u li ma kienx qed jintuza sabiex jigu ggaraxxjati karrozzi privati biss.

"Ghaldaqstant il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attur ghazel li ma pproducix dawn ix-xhieda fil-proceduri quddiem il-Bord kienet ghazla tieghu, u ma jistax issa, fil-proceduri odjerni, jittanta jghamel dak li seta' jghamel, izda naqas milli jghamel, fil-proceduri appositi.  Dan ma kienx kaz ta' difiza li kienet impossibbli ghalih f'dawk il-proceduri, imma huwa kaz ta' omissjoni jew insufficjenza ta' difisa, ossia provi, li ghalija huwa responsabbli biss l-attur; u ghalhekk *imputet sibi.*

"Illi in vista tal-premessi konsiderazjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attur hija insostenibbli kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u per konsegwenza ghandha tigi michuda."

**<u>L-appell</u>**

L-attur Joseph Zammit appella minn din is-sentenza finali. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati – u bilfors ikollhom jigi sintetizzati ghax huma mferrxin 'l hawn u 'l hinn f'diversi paragrafi li mhux dejjem isegwu logikament – hekk:

1. Illi l-mertu ta’ din il-kawza kienet il-kredibilita` tal-konvenut Raymond Azzopardi, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhix ghalfejn tindaga jekk fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, l-attur kienx jaf bix-xhieda l-godda prodotti minnu fil-kawza odjerna. Konsegwentement huwa jallega li s-sentenza finali hija *ultra petita* ghax l-ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni, kif effettivament hadet, l-iskop ulterjuri li ghalih huwa kien ghamel it-talba (cioe` biex in segwitu jaghmel kawza ta’ ritrattazzjoni).
2. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex *a priori* tiskarta bhala metodu li jwassal ghal konkluzjoni li xiehda hija inveritiera l-produzzjoni ta’ abbundanza ta’ xhieda kontra fatt allegat minn persuna wahda.
3. Illi fil-fatt mill-provi prodotti fil-kawza odjerna kien jirrizulta li x-xhieda ta’ Raymond Azzopardi kienet falza.

Fir-risposta tieghu, l-appellat Raymond Azzopardi jkompli jinsisti li x-xiehda tieghu hi veritiera u disinteressata. Min-naha l-ohra, l-appellat Carmelo Dingli, fir-risposta tieghu, jinsisti li ma ngabet l-ebda prova li l-konvenut Raymond Azzopardi xehed falz, izda sempliciment gew prodotti iktar xhieda biex jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti ta’ l-appellant quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Huwa jghid ukoll illi mill-provi jirrizulta illi l-appellant kien qed jallega li x-xiehda ta’ Raymond Azzopardi kienet falza anki fil-proceduri quddiem il-Bord.

Kif inghad, hadd mill-kontendenti ma appella mis-sentenza parzjali ta’ l-24 ta’ Jannar 2001.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa, mela, fis-sens illi l-ewwel sentenza hija *ultra petita* ghaliex dahlet fil-kwistjoni jekk tissussistix raguni valida ghal ritrattazzjoni ta’ kawza fuq il-motiv ta’ provi foloz, meta hi kellha tiddeciedi <u>biss</u> jekk x-xhieda moghtija mill-konvenut Raymond Azzopardi kienitx falza jew le. Fi kliem iehor, skond l-attur appellant, il-funzjoni tal-Qorti kienet limitata biss li tiddikjara jekk ix-xiehda ta’ Raymond Azzopardi kienitx veritiera o meno, kif huwa talab fic-citazzjoni tieghu.

L-unika talba maghmula fic-citazzjoni hija wahda dikjaratorja: l-attur talab dikjarazzjoni li x-xiehda moghtija minn Raymond Azzopardi fil-proceduri precedenti fl-ismijiet inversi hija falza u inveritiera. Fic-citazzjoni tieghu, l-appellant jistqarr ukoll illi l-kawza odjerna hija pre-ordinata ghall-gudizzju ta' ritrattazzjoni, stante li jekk jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li x-xiehda ta' Raymond Azzopardi fil-proceduri fl-ismijiet inversi hija falza, din id-dikjarazzjoni tkun tikkostitwixxi motiv ghall-possibli ritrattazzjoni tal-kawza, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 811(j) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, li jippreskrivi illi tista' tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza:

*"Jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kienitx taf b'dan il-fatt."*

Kif il-Qorti ta' l-Appell[15] irriteniet fis-sentenza ***Darmenia v. L-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier***, deciza fit-18 ta' Frar 1966: *"(F)is-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avvolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhux ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax."* Dan il-principju gie diversi drabi ribatit mill-Qrati Maltin.[16]

Konsegwentement, id-dikjarazzjoni li talab l-attur appellant fic-citazzjoni tieghu tista' tigi kkunsidrata biss jekk il-Qorti tkun perswaza li jekk jottjeni din id-dikjarazzjoni, tali dikjarazzjoni tkun tista' tifforma l-bazi ghal proceduri ohra, cioe` ghal proceduri ta' ritrattazzjoni.

Kif inhuwa risaput biex wiehed jigi ammess li jistitwixxi azzjoni, preordinata ghal ohra jew le, ghandu jkollu

[15] Sedenti l-Prim Imhallef Prof. Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin J. Flores u Professur Joseph H. Xuereb.
[16] Ara wkoll ***Dr. Biagio Giuffrida vs. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier***, Qorti ta' l-Appell, deciza fit-3 ta' Marzu 1967 Vol. LI(A)-I-130 (a fol. 169/170); u ***Ignazio Gatt v. Michael Debono et***, Qorti ta' l-Appell, deciza fit-12 ta' Dicembru 1983.

interess guridiku u l-interess jiddelinea l-limiti ta’ l-azzjoni. Jekk attwalment jigi stabbilit li dak l-interess ma jezistix ghaliex -- nonostante li l-fatti allegati fic-citazzjoni jistghu, ghall-grazzja ta’ l-argument, jirrizultaw ezatti -- il-bieb tar-ritrattazzjoni jinsab maghluq, ghal xi raguni jew ohra, allura jkun hemm ostaklu ghall-prosegwiment tal-kawza.

Ghalhekk, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti imxiet sewwa meta l-ewwel u qabel kollox ezaminat jekk fil-kaz odjern kienitx tissussisti raguni valida ghal ritrattazzjoni ta’ kawza fuq il-motiv ta’ provi foloz. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti agixxiet *ultra petita*, u konsegwentement dana l-aggravju qed jigi respint.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

Fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat *a priori* bhala metodu li jwassal ghal konkluzjoni li xiehda hija inveritiera, il-produzzjoni ta’ abbundanza ta’ xhieda kontra fatt allegat minn persuna wahda. Ghall-precizjoni jinghad illi l-ewwel Qorti ma skartatx *a priori* dan il-metodu sabiex jigi ppruvat li xiehda partikolari hija falza – kif qieghed jallega l-appellant. L-ewwel Qorti irriteniet li l-appellant kellu kull opportunita` li jadotta dan il-metodu fil-kawza precedenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u jekk dan m’ghamlux kienet ghazla tieghu, u *“ma jistax issa fil-proceduri odjerni, jittanta jaghmel dak li seta’ ghamel, izda naqas milli jghamel, fil-proceduri appoziti.”*

Huwa risaput illi r-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li ghaddiet f’gudikat ghandha l-forza ta’ ligi bejn il-kontendenti. Ghalhekk il-kazijiet li fihom jista’ jinghata, kif ikkontemplati specifikatament mil-ligi, ghandhom jigu interpretati ristrettivament (ara ***Avukat Dottor Pio M. Valletta noe vs. Joseph Tanti***, Qorti ta’ l-Appell, 20 ta’ Mejju 1994, Vol. LXXVIII-II-84).

Kif ampjament juru s-sentenzi ikkwotati mill-gharef Imhallef ta’ l-ewwel Qorti, gie kostatament ribadit mill-Qrati

Maltin f'kazi simili ghal dak odjern li biex kawza tkun tista' tigi validament ritrattata fuq il-motiv ta' falsita` ta' provi ai termini ta' l-Artikolu 811(j) tal-Kapitolu 12 jehtieg li l-pretiza falsita` ma setghetx tigi opposta fil-gudizzju li tieghu l-parti interessata tkun trid titlob ir-ritrattazzjoni. *"Kieku ma kellux jigi ritenut hekk, kien ikun facli hafna, ghal kull parti f'kawza, li tipprova tissovverti is-sentenzi li jkunu ghaddew f'gudikat, b'mod illi l-principju ta' l-istabilita` tal-gudikati kien jista' jigi eluz."* (***Androcles Scicluna vs. John Caruana et***, Appell Civili, 25 ta' April 1975) [17].

Issa, huwa veru li din ir-regola tidher apparentement espressa mil-ligi biss fil-kuntest ta' ritrattazzjoni ta' kawzi decizi fl-ewwel grad; in fatt l-Artikolu 812 tal-Kapitolu 12 jghid hekk: *"Ritrattazzjoni ta' kawza moghtija b'sentenza ta' qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."* Pero` fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, u konformement mal-gurisprudenza aktar 'l fuq citata f'din is-sentenza, din ir-regola hija applikabbli wkoll fil-kuntest ta' ritrattazzjonijiet ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-Appell. Zgur ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li jippermetti li xi parti tigi mhollija tressaq provi godda biex tattakka sentenza moghtija fi grad ta' appell, meta dik il-parti kienet f'pozizzjoni li tressaq dawk l-istess provi fil-kawza li s-sentenza taghha issa qieghda tattakka. Altrimenti, kif diga' inghad, il-principju ta' l-istabilita` tal-gudikati jista' jigi mxejjen.

Kif irrilevat l-ewwel Qorti, fil-kaz odjern l-attur appellant ipproduca ix-xhieda kollha prodotti quddiem il-Bord li

[17] Ara wkoll Prim Awla tal-Qorti Civili ***Giuseppe Bonnici et v. Leonard Incorvaja et*** 3 ta' Ottubru 2003, fejn jinghad *inter alia*: *"Kollox ma' kollox l-atturi ma rnexielhomx jiddimostraw b'mod sodisfacenti illi s-sentenza tal-Bord, u sussegwentement dik ta' l-Appell, gjaladarba anke f'dak l-istadju tressqu provi, giet ottenuta fuq provi foloz. Jekk f'dawk il-proceduri l-atturi odjerni ma rribattewx il-provi li ngiebu mill-kontroparti, u li kienu jirrispekkjaw il-verita` f'dak il-mument,* 'allora non e` lecito di riaprire la trattazione della causa e di produrre controprove per abbattere l'efficacia probatoria e raggiungere risultati e conseguenze diversi da quelli ai quali addivenne il tribunale d'appello nei suoi pronunciamenti' *(Vol. XXVIII-I-658)".* F'din il-kawza l-atturi wkoll kienu qed jitolbu dikjarazzjoni ta' falsita` ta' xiehda preordinata ghal kawza ta' ritrattazzjoni.

Jirregola l-Kera biex jergghu jixhdu (ad eccezzjoni ta' Joseph Calleja, li miet fil-mori tal-kawza), u zied maghhom erba' xhieda ohra: George Zammit, Francis Zammit, Tanya Calleja (l-armla ta' Joseph Calleja) u Ninu Abela. Huwa pproduca dawn l-erba' xhieda biex jikkorraboraw ix-xiehda tieghu quddiem il-Bord u konsegwentement biex jikkontradicu x-xiehda li kienet giet moghtija mill-appellat Raymond Azzopardi. Fil-kawza odjerna, l-attur appellant bl-ebda mod ma wera li huwa ma kienx a konoxxenza ta' dawn l-erba' xhieda jew li kien prekluz li jressaq dawn l-erba' xhieda fil-proceduri quddiem il-Bord, sabiex jirribatti ix-xiehda ta' Raymond Azzopardi. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, mill-provi jirrizulta li Francis u George Zammit huma parentati ma' l-attur u jahdmu flimkien, Tanya Calleja hija l-armla ta' Joseph Calleja li xehed quddiem il-Bord, u Ninu Abela joqghod vicin il-fond in kwistjoni. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, ma huwiex konsentit illi, bil-ghan li l-provi jsiru ahjar, l-attur appellant igib fil-proceduri odjerni provi godda li setghu facilment gew prodotti fis-sede proprja tal-kawza. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma hemm ebda skop li jigi kkunsidrat it-tielet aggravju.

**Decide**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------